**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 290/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**Vs**
**Kyle Mifsud**

**Illum 11 ta' Dicembru, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kyle Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' numru 418892M:

Billi huwa akkuzat talli nhar is-6 ta' Dicembru 2016 ghall-habta tad-disgha neqsin hamsa (0855hrs) ta' filghodu gewwa l-Bank of Valletta, Misrah Gavino Gulia, Bormla, f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghmel qliegh ghalih innifsu, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoi tad-delitt billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi were haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistneza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama' jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' hmistax il-ewro (€15.00) ghad-

detriment ta' Thane Micallef u/jew Bank of Valletta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Talli fis-6 ta' Dicembru 2016 u granet ta' qabel, ikkommetta serq ta' 'credit card' tal-Bank of Valletta mahruga fuq kont bankarju numru 40017775847 bi hsara ta' Thane Micallef, u/jew Bank of Valletta;

3. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ghad-dannu ta' Thane Micallef, u/jew Bank of Valletta;

4. U talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz ghad-dannu ta' Thane Micallef u/jew Bank of Valletta.

Il-Qorti hija mitluba li titratta lil Kyle Mifsud bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Illi l-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija, mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi Thane Micallef u l-familja tieghu, tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Illi l-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali, okkorrenza, rinunzja tad-dritt ghall-ghajnuna legali, stqarrija, ID Card ta' Thane Micallef immarkata bhala Dok 1, ircevuta ta' gbid tal-flus immarkata bhala Dok2 u rcevuta ta' ritorn.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Mejju 2018 sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Josric Mifusd, qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 20 ta' Gunju, 2019.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar il-11 ta' Dicembru, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u filfatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex bzonn tehli iktar zmien f'dawn il-proceduri sabiex tigbor il-provi

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 308, 284, 183 u 184 u fuq ammissjoni tal-imputat, ssib lill-imputat, Kyle Mifsud, hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tnax-il (12) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tliet (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-hati.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**